MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 179/2000/1

Avviz Nru:- 179/00DM

Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Victor Scerri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Victor Scerri

vs

Felix Bianco

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li, previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-Ligi, din il-Qorti tikkundanna l-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm438.18), in kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u tlettax-il Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm313.18) jew somma

ohra verjuri lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Victor Scerri, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, u in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00) lill-attur Victor Scerri ammont rapprezentanti excess payment, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-30 ta' Settembru 1998 ghall-habta ta' 8.50 am gewwa Triq Dun Karm By-Pass, B'Kara, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAB 136 proprjeta ta' l-attur Victor Scerri, misjuq minn Silvan Scerri u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni CAO 718, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja ta' 4 ta' Mejju 1999, u ta' l-ittra gudizzjarja li qed tintbaghat kontestwalment ma l-avviz lis-socjeta Middle Sea Insurance plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja ta' 4 ta' Mejju 1999, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Felix Bianco fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati kemm fid-dritt u fil-fatt peress illi l-kollizzjoni tat-30 ta' Settembru 1998 gewwa Triq Dun Karm By-Pass, B'Kara, grat unikament tort tal-assikurat tal-kumpanija attrici
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

.

Rat il-verbal tas-17 t' Ottubru 2000 fejn il-konvenut iddikjara illi mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilita

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi dwar ir-responsabbilta’, apparti mill-isketch u r-rapport maghmul mill-uficcjal li nvestiga l-kaz, jikkonsistu esklusivament fid-deposizzjonijiet tas-sewwieq koncernati u cioe, ta’ Silvan Scerri li kien qed isuq il-vettura assigurata mal-atturi, u ta’ Felix Bianco il-konvenut.

Ghalkemm dawn iz-zewg sewwieqa jaqblu illi l-kollizjoni grat meta l-vettura tal-konvenut kienet fuq quddiem tal-vettura misjuqa minn Scerri, ma jaqblux dwar il-manuvra li ghamel il-konvenut biex spicca quddiem il-vettura ta’ Scerri.

Fil-waqt illi Scerri ssostni illi l-konvenut hareg minn go triq laterali waqt li hu kien qieghed fit-triq principali qed javvicina r-roundabout, il-konvenut issostni illi hu kien qed isuq digia’ fit-triq principali quddiem il-vettura ta’ Scerri izda ried jaqleb minn karreggjata ghall-ohra biex imur lejn il-lemin tieghu vicin tar-roundabout halli jdur f’direzzjoni ohra.

Billi d-deposizzjoni ta’ Scerri fejn jallega illi l-konvenut hareg minn triq laterali ma biex ikkorraborata minn ebda indizju jew circostanza ohra, il-Qorti jkollha taccetta il-verzjoni tal-konvenut illi effettivament dan kien qieghed ukoll isuq fit-triq principali u l-unika manuvra li ghamel kienet l-ispostament tieghu mill-karreggjata estrema tax-xellug ghal dik tal-lemin biex jaqbad ir-roundabout.

Ghalhekk tirrizulta evidentement ir-responsabbilta’ tas-sewwieq tal-vettura assikurata mill-atturi billi huwa kellu jzomm distanza ragonevoli bejn il-vetturi li qed jipprocedu quddiemu, tenut kont anke illi dak il-hin kien hemm in-nida, u kien tenut li ma jghamel ebda tentativ ta’ sorpass meta kien qed javvicina roundabout.

Min-naha l-ohra l-konvenut pero’, ghalkemm jallega illi xeghel l-‘indicator’ meta gie biex jibdel min-naha tax-xellug tat-triq ghan-naha tal-lemin, huwa kien obbligat illi jesplora wkoll it-triq warajh biex bil-manuvra tieghu ma jkun ta’ ebda ostakolu ghat-traffiku illi setgha kien provenjenti minn warajh.

Dan qed jinghad peress illi mid-deposizzjoni tal-konvenut stess jidher illi kien qed ihalli fuq il-lemin tieghu spazju bizzejjed biex tista’ tissorpassah vettura ohra u ghalhekk fil-vicinanzi tar-roundabout, ma kellux jistenna illi ser tissorpassah vettura, huwa xorta wahda kien obbligat illi jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex bil-manuvra tieghu ma jostakola ebda vettura li qed tuza t-triq principali.

Ghaldaqstant issib illi anke l-konvenut ghandhu jigi tenut responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u l-Qorti qeghdha taqsam din ir-responsabbilta’ egwalment bejn il-konvenut u s-sewwieq tal-vettura assikurat mal-atturi u ghalhekk il-konvenut huwa tenut illi jhallas nofs biss tal-ammont ta’ danni li sofriet il-vettura ta’ Victor Scerri assigurata mal-atturi.

Billi d-danni totali li sofrew l-atturi ammontaw komplessivament ghas-somma ta’ LM438.18 (erba mija tmienja u tletin lira Maltin u tmientax il-centezmu) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz din il-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-konvenut huwa responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni fi grad ta’ nofs qed tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi in solidun bejnithom is-somma ta’ Lm219.09 (mitejn u dsatax il-lira Maltin u disa’ centezmi), bl-imghax legali mill-4 ta’ Mejju tal-1999.

Bl-ispejjes jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg  Civ50